**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA 22 TA’ MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 719/01 AJD**

**Paul Barbara**

**vs**

**Joseph Borg f’ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Limelight Hotels Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Awissu, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett mija u tmintax il-lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm318.85), bilanc minn somma akbar dovuta ghal xogholijiet fuq sistemi ta’ refrigeration, xiri ta’ apparat relatat u konness ma’ refrigeration, installazzjoni ta’ materjal, kollu fuq inkarigu tal-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 10 ta’ Lulju, 2001, u bl-imghax legali mid-data ta’ meta kellu jsir il-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:
1. Fl-ewwel lok kwalunkwe ammont li jista’ jkun dovut huwa hekk dovut biss mis-socjeta’ Limelight Hotels Limited.
2. L-ammont pretiz huwa esagerat.
3. Joseph Borg f’ismu proprju m’ghandu ebda relazzjoni giuridika mal-

attur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-attur.

Ra li l-konvenut pro et nomine ghalkemm prezenta risposta, naqas milli jidher sabiex jissostanzja l-ececzzjonijiet minnu sollevati.

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta' Marzu, 2002, fejn il-kawza giet differitab ghas-sentenza.

Ikkunsidra:-

1. Illi l-attur xehed li l-ammont ta' tlett mija u tmintax il-lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm318.85) mitlub minnu fl-avviz huwa dovut bhala prezz ta' servizzji konsistenti f'tiswijiet u 'spare parts' rigwardanti r-refrigeration li huwa kien jipprovdi ghal zewg lukandi propjeta' tal-konvenut Joseph Borg. L-attur xehed li huwa l-kontijiet kien johroghom f'isem Limelight Hotel, izda li n-negozju dejjem sar mal-konvenut Joseph Borg u l-pagamenti akkont dejjem gew effetwati minn dan Borg.
2. Illi l-konvenut Joseph Borg fir-risposta tieghu eccepixxa li huwa f'ismu proprju ma kellu ebda relazzjoni guridika mal-attur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
3. Illi l-attur fix-xhieda tieghu tat-23 ta' Jannar, 2002, stqarr li kien a konoxxenza tal-fatt li Joseph Borg kien jopera n-negozju tieghu permezz ta' kumpanija bl-isem Limelight Hotels Limited. F'dan ir-rigward it-Tribunal jonnota li l-fatturi esibiti mill-attur mal-Avviz tat-Talba (a fol. 13 u 14) huma ndirizzati lil Limelight Hotels Limited u mhux lil Joseph Borg.
4. Illi jidher ghalhekk li l-ammont mitlub fl-Avviz huwa dovut mis-socjeta' konvenuta Limelight Hotels Limited u mhux mill-konvenut Jospeh Borg.
5. Illi mill-provi rrizulta wkoll soddisfacentement pruvat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut mis-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jillibera lill-konvenut Joseph Borg mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Limelight Hotels Limited u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u tmintax il-lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm318.85) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**